



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

25.2.2014

B7-0221/2014

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi-President tal-Kummissjoni / tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-Ukraina  
(2014/2595(RSP))

**Helmut Scholz, Nikola Vuljanić, Patrick Le Hyaric, Younous Omarjee,  
Jaromír Kohlíček**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

RE\1021052MT.doc

PE529.580v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**B7-0221/2014**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Ukraina  
(2014/2595(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi sa min-Novembru 2013 – minħabba r-rifjut tal-Gvern Ukrain li jiffirma Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE – kien hemm protesti kontinwi u dejjem aktar vjolenti miż-żewġ naħat kontra l-politika tal-gvern, bi gruppi nazzjonalisti estremisti jingħaqdu mal-protesti billi l-forzi politiċi, kemm il-gvern kif ukoll l-oppożizzjoni, naqsu milli jilħqu kompromess u dan wassal għall-eskalazzjoni vjolenti tas-sitwazzjoni, fejn għexieren ta' nies miż-żewġ naħat mietu u mijiet oħra sfaw midruba;
- B. billi l-protesti bdew bħala dimostrazzjonijiet favur l-UE iżda l-attenzjoni tagħhom daret lejn kwistjonijiet aktar domestiċi u nnexterdu minn Kiev għal bliet oħra; billi d-dimostranti qed jitolbu r-riżenja tal-gvern u li jiġu organizzati elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali ġodda;
- C. billi l-ministri għall-affarijiet barranin ta' Franza, il-Ġermanja u l-Polonja nnegożjaw Ftehim dwar Soluzzjoni għall-Kriżi fl-Ukraina, li kien iffirmit mill-President tal-Ukraina, Viktor Yanukovich, u r-rappreżentanti tal-oppożizzjoni Vitaly Klitschko (UDAR), Oleh Tyahnibok (Svoboda) u Arsenij Yatseniuk (Batkivshchyna);
- D. billi d-dimostranti fit-toroq ta' Kiev ma qablux ma dan il-kompromess, u l-ftehimiet li kellhom l-għan li jsolvu l-kriżi politika u statali, innegożjati minn xi ministri għall-affarijiet barranini ta' xi Stati Membri, ġew miksura mill-oppożizzjoni;
- E. billi Viktor Yanukovich ħalla Kiev għal destinazzjoni mhux magħrufa mingħajr ma uffiċjalment irriżenja;
- F. billi l-Parlament Ukrain (Verkhovna Rada) ħa l-inizjattiva u ddeċieda li:
  - jiddenunzja lill-President Yanukovich;
  - jorganizza l-elezzjonijiet presidenzjali fil-25 ta' Mejju 2014;
  - jaħtar President interim li hu wkoll l-Ispeaker tal-Parlament u l-koordinatur tal-gvern;
  - jerġa' jpoġġi fis-seħħ il-kostituzzjoni tal-2004, li tistabbilixxi li l-gvern li ser jopera fl-Ukraina ser ikollu forma parlamentari-presidenzjali;
  - tinħeles l-eks Prim Ministru Yulia Tymoshenko;
  - jaħtar Avukat Ġenerali interim u diversi ministri;

- G. billi bħala tweġiba diretta għall-bidla tal-poter f' Kiev, il-mexxej tal-partit tal-lemin estrem Svoboda, Oleh Tyahnibok, sejjaħ għall-eliminazzjoni tal-pluraliżmu politiku u demokratiku fl-Ukraina, għal tindif etniku tal-pajjiż kollu, u għar-restawr tal-istatus tal-Ukraina bħala setgħa nukleari;
- H. billi l-Kwartieri Ġenerali tal-Partit Komunista tal-Ukraina ġew meqruda minn forzi radikali tal-lemin, u f'xi reġjuni tal-Ukraina, il-Partit Komunista ġie saħansitra pprojbit; billi monumenti mit-Tieni Gwerra Dinjija u monumenti oħra ġew meqruda;
- I. billi l-attakki anti-Semitiċi kontra ċittadini Lhud f' Kiev qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla ħafna, u r-Rabbi ta' Kiev ta l-parir liċ-ċittadini Lhud biex iħallu l-belt; billi s-sinagoga f'Zaporizhia ġiet attakata u ġarrbet xi ħsarat;
- J. billi 3 477 deputat minn kunsilli lokali fix-Xlokk tal-Ukraina u mir-reġjun tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea, Sevastopol, inġabru fi Kharkov, ikkritikaw id-deċiżjonijiet li ħadet il-Verkhovna Rada, u adottaw miżuri li huma jemmnu li l-awtoritajiet lokali għandhom jieħdu bi tweġiba għall-aħħar żviluppi f' Kiev;
- K. billi għad m'hemm l-ebda kunses fost il-poplu fl-Ukraina dwar il-valutazzjoni ta' dawn l-iżviluppi u l-futur tal-pajjiż; billi il-problemi politiċi tal-Ukraina jistgħu jissolvew biss permezz ta' dibattitu nazzjonali dwar il-futur tal-pajjiż u ta' proċess demokratiku u trasparenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet, riformi kostituzzjonali u riformi oħra, u relazzjonijiet mas-sħab internazzjonali;
1. Jiddeplora l-fatt li l-kriżi politika fl-Ukraina ma ssolvietx kmieni biżżejjed biex ikunu salvati l-ħajjiet taċ-ċittadini Ukraini; jesprimi l-kondoljanzi u l-appoġġ tiegħu lill-familji ta' dawk kollha li mietu jew indarbu; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex jestendu l-ambitu tal-assistenza medika lill-vittmu kollha ta' vjolenza fl-Ukraina;
  2. Jitlob li ssir investigazzjoni indipendenti u trasparenti tal-atti riċenti kollha ta' vjolenza u ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew mill-bidu tad-dimostrazzjonijiet, u għall-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli min-naħat kollha;
  3. Jinnota l-firxa ta' deċiżjonijiet li ħadet il-Verkhovna Rada, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu għall-fatt li mhux il-membri kollha tal-parlament kienu preżenti, billi li kieku kienu kollha preżenti dawn id-deċiżjonijiet kien ikollhom iktar leġittimità demokratika; jinnota li l-protesti f' Kiev qed ikomplu u li d-dimostranti qed jitolbu li jittieħdu miżuri li jipprevjenu lill-oligarki u lil dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew dawk involuti f'każijiet ta' korruzzjoni milli jsiru membri tal-gvern;
  4. Jinnota li finalment il-Parlament Ukrain ħa l-inizjattiva li jwitti t-triq għal elezzjonijiet bikrija; jistieden lill-Verkhovna Rada tadotta, qabel l-elezzjonijiet, liġi elettorali ġdida konformi mar-regoli tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u tal-Kummissjoni ta' Venezja, u tiżgura elezzjonijiet liberi u ġusti; jistenna li l-partiti politiċi u l-istituzzjonijiet kollha jippubblikaw, waqt perjodu tranżitorju qabel l-elezzjonijiet, il-programmi tagħhom għall-kisba ta' soluzzjoni deġġiema għall-kriżi soċjali u ekonomika profonda; jenfasizza li dan hu element meħtieġ għal dibattitu demokratiku dwar l-iżvilupp futur tal-Ukraina;

5. Jenfasizza li hu l-poplu tal-Ukraina biss li jista' jiddeċiedi, ħieles minn kwalunkwe interferenza barranija, dwar il-futur tagħhom, l-orjentament ġeopolitiku ta' pajjiżhom u liema ftehimiet u komunitajiet internazzjonali l-Ukraina għandha tingħaqad magħhom; jistieden bil-qawwa lill-UE, lill-Istati Uniti u lir-Russja biex iżommu lura milli jindaħlu fl-affarijiet interni tal-Ukraina u minn kull pressjoni finanzjarja, ekonomika u politika;
6. Ihegġegħ lill-forzi politiċi kollha biex jipprevjenu kull użu ta' vjolenza; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-proliferazzjoni ta' armi u tal-munizzjon fil-pajjiż; jistieden lill-forzi politiċi kollha jiżguraw il-handover tal-armi u l-munizzjon illegali kollha lill-Ministeru tal-Intern;
7. Jistieden lill-forzi politiċi kollha fl-Ukraina u l-atturi kollha internazzjonali involuti, sabiex jimpenjaw ruħhom biex jaħdmu għall-integrità territorjali u l-unità nazzjonali tal-Ukraina, waqt li jieħdu kont tal-kompożizzjoni kulturali u lingwistika tal-pajjiż u l-istorja tiegħu;
8. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-korruzzjoni fil-pajjiż; jitlob li l-assi għandhom isiru trasparenti, inklużi l-flussi kollha internazzjonali ta' kapital lejn u 'l barra mill-Ukraina li huma ta' ċerti politiċi fl-amministrazzjoni attwali, figuri politiċi ta' qabel li kienu soġġetti għal investigazzjoni, u l-partiti politiċi kollha u l-figuri ewlenin tagħhom; jenfasizza l-fatt li r-rabta mill-qrib bejn l-amministrazzjoni u l-istituzzjonijiet politiċi u l-oligarki kien wieħed mill-ostakli deċisivi għall-proċess ta' demokratizzazzjoni fl-Ukraina għall-biċċa 'l kbira ta' dawn l-aħħar żewġ deċennji; jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa minn kumpaniji Ukraini u negozjanti fil-banek Ewropej;
9. Jistieden lill-UE tagħti l-għajnuna finanzjarja li l-Ukraina teħtieġ biex tegħleb il-kriżi ekonomika u soċjali li qed tħabbat wiċċha magħha bħalissa; jenfasizza li din l-assistenza m'għandiex tkun ikkundizzjonata minn miżuri ta' awsterità;
10. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kooperazzjoni bejn il-forzi demokratiċi u forzi nazzjonalistiċi u anti-Semitiċi, li huwa rrapportat li rċevew appoġġ politiku u finanzjarju dirett minn barra l-pajjiż, inluż minn imsieħba fl-Istati Membri tal-UE; jitlob b'urġenza lill-forzi politiċi kollha u lis-soċjetà ċivili, biex għalhekk jiġu miċħuda politiki nazzjonalistiċi u anti-Semitiċi;
11. Jikkundanna l-attakki kontra l-Partit Komunista tal-Ukraina u t-tentattivi għall-projbizzjoni tal-partit; jistieden lill-awtoritajiet interim biex jiggarrantixxu d-drittijiet u l-libertajiet demokratiċi lill-forzi politiċi demokratiċi kollha u biex jipprevjenu kwalunkwe attakk;
12. Jikkundanna u jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-azzjonijiet anti-Semitiċi tal-forzi tal-lemin estrem;
13. Jitlob b'urġenza lill-istituzzjonijiet tranżitorji tal-Ukraina biex jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tal-pajjiż, b'mod partikolari fil-kapaċità tagħha bħala parti għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u tal-Kunsill tal-Ewropa, u biex jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-minoranzi, il-libertà tal-istampa u l-libertà ta' għaqda u tal-kelma; jistieden lill-

istituzzjonijiet u lill-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll lil atturi politiċi barranin oħra, biex mhux biss joħorġu appelli f'dan ir-rigward iżda jagħmlu kull appoġġ finanzjarju għall-Ukraina dipendenti fuq ir-rispett għal dawn l-istandards u obbligi;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Parlament u l-Gvern tal-Ukraina u lill-Assemblej Parlamentari tal-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa.